MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 370/2012

**AB**
**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremettiet :

1. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt tal-11 ta' Frar 2008 (in atti Not. Bartolomeo Micallef) – Dok A;
2. Illi l-partijiet ilhom separati minn madwar sitt xhur qabel il-firma tal-kuntratt tal-11 ta' Frar, 2008;
3. Illi l-partijiet m'ghandhomx prospett ragonevoli li jergghu jirrikonciljaw;
4. Illi l-partijiet m'ghandhomx pendenzi bejniethom fuq kwistjonijiet ta' manteniment;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet b'effett tal-artiklu 66B tal-Kodici Civili nostran;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-11 ta' Frar 2008, izda ilhom de facto separati ghal madwar sitt xhur qabel ma iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi;

Illi hija ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet fuq kwistjonijiet ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------